**20 ta' Novembru, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Antonia Vassallo et.

*versus*

Joseph Falzon

**Lokazzjoni — Bord tal-Kera — Hanut — Liċenza — Sullokazzjoni — Ċessjoni ta' Azjenda.**

*Il-tidwir ta' liċenza ta' ħanut f'isem persuna oħra ma jimportax neċessarjament ċessjoni tal-inkwilinat relattiv għal dak il-ħanut favur dik il-persuna l-oħra. Jista' jkun veru illi azjenda kummerċjali tikkomprendi wkoll il-liċenza meħtieġa għall-eżerċizzju tal-kummerċ tagħha, u li kwindi, meta jsir trasferiment tal-azjenda, jekk ma jkunx hemm xejn kuntrarju, dan jimporta trasferiment tal-liċenza; imma l-propożizzjoni inversa ma għandha ebda bażi ta' preżunzjoni.*

*Għax il-liċenza ta' ħanut isservi biex tiddetermina l-obligu tal-persuna li f'isimha tkun intestata l-liċenza quddiem l-awtorità kompetenti li tosserva r-regoli tal-liġi, iżda ma tbiddelx ir-rapporti patrimonjali jew kontrattwali li jkunu jeżistu bejn il-privati. L-intestatura tal-liċenza ma tistgħax tinnewtralizza l-provi rigwardanti l-proprjetà tal-azjenda, u għandha liġi meqjusa biss mill-aspett tal-individwalizzazzjoni tal-persuna responsabbli għall-ħlas tal-liċenza u għall-adempiment tal-liġijiet u tar-regolamenti tal-Pulizija*

*Konsegwentement, il-fatt li s-sid ta' ħanut idawwar il-liċenza tal-ħanut f'isem persuna oħra ma jimportax neċessarja-*

*ment li huwa issulloka l-ħanut lil dik il-persuna l-oħra, jew li ċedielha l-azjenda eżerċitata f'dak il-ħanut, jekk ma jkunx hemm provi li juru li fil-fatt dan sar indipendentement mit-tidwir tal-liċenza.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex jiġu awtorizzati jirriprendu pussess tal-fond 12/13 Britannia Street, Rabat, billi l-intimat issulloka jew ċeda l-lokazzjoni lill-ibnu Joseph bla permess;

Rat is-sentenza ta' dak il-Bord tal-14 ta' Settembru 1961, li biha ċaħad it-talba, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti; wara li kkunsidra;

Illi mill-provi rriżulta illi l-fond "de quo" huwa dar u ħanut. Oriġinarjament kien hemm permess tal-Pulizija "to sell wines and spirits" fuq isem Dolores Falzon, mart l-intimat, u dam sal-1940. Fl-1940 il-liċenza daret fuq it-tifel Louis, u fit-12 ta' April 1951 fuq it-tifel l-ieħor Joseph. Fuq dan ma hemm ebda kontestazzjoni da parti tal-intimat, li ma jikkontestax illi għandu wkoll soċjetà ma' dan ibnu Louis bħala "Commission Agent", u għandu l-permess relattiv tal-Kamra tal-Kummerċ;

L-intimat sostna illi t-trasferiment tal-liċenza kien sar unikament biex f'każ ta' xi gwerra t-tfal ikollhom xi skuża x'jakkampaw biex jiġu eżenti mis-servizz militari, tant li l-liċenza l-ewwel daret fuq ibnu Louis, mbagħad, meta dan iż-żewweġ, daret fuq Joseph. Fil-fatt il-kera baqa' jitħallas mill-intimat, u t-tfal kienu biss impjegati tiegħu. Louis Falzon xehed li anqas jaf jekk il-liċenza baqgħetx fuq ismu. L-intimat isostni illi huwa dejjem talab il-permess lis-sid biex idawwar il-liċenza. Is-sid kien Carmelo Attard, awtur tar-rikorrent; li però ma ammettiex li ta' dawn il-permessi;

Biex ir-rikorrenti jippruvaw il-pretensjoni tagħhom hemm bżonn li jirriżulta illi (1) kien hemm sullokazzjoni jew ċessjoni tal-inkwilinat, (2) u illi dan sar bla permess tas-sid. Fil-fehma tal-Bord din is-sullokazzjoni jew ċessjoni tal-fond, jew ta' parti minnu, ma rriżultatx. Kull ma sar kienet simulazzjoni ta' trasferiment ta' liċenza biex quddiem l-Awtorità Militari, f'każ li jkun hemm servizz

militari obligatorju, it-tfal tal-intimat ikunu jistgħu jsibu xi protest. B'ebda mod ma rriżulta li t-tfal tal-intimat iġġestew akkont tagħhom in-negozju, non ostanti li l-liċenza tgħajjat lilhom; huma la ppartecipaw mill-profitt u lanqas ma ħarġu flus minn tagħhom; ħadmu għall-intimat, u ġew biss rimunerati tax-xogħol li għamlu. Louis Falzon tant ma kellux interess fl-azjenda li lanqas biss ma jaf jekk il-liċenzi għadhomx fuq ismu;

Minn dan jidher ċar illi l-inkwilinat baqa' dejjem tal-intimat, u ma saret qatt ebda sullokazzjoni jew ċessjoni tal-inkwilinat. Dak li jgħodd huwa dak li verament sar bejn il-partijiet, u mhux dak li ġie simulat;

Stabbilit li ma kienx hemm sullokazzjoni jew ċessjoni tal-inkwilinat, ma hemmx lok li wieħed jidħol fuq il-kwistjoni l-oħra jekk kienx hemm jew le il-permess tas-sid għaliex ma kienx rikjest ladarba l-intimat ma ċeda jew issulloka xejn;

Il-kwistjoni tas-soċjetà ma' Louis Falzon bħala "Commission Agent" ma għandha ebda rilevanza; il-kawżali tar-rikors hija s-sullokazzjoni jew ċessjoni lil Joseph Falzon bin Joseph; u kwindi bl-ebda mod ma tirrigwarda din is-soċjetà ma' Louis Falzon;

Rat ir-rikors li bih l-imsemmija rikorrenti appellaw minn dik is-sentenza, u talbu r-revoka tagħha, billi minflok it-talba tagħhom tiġi milqugħa; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Verament is-sentenza appellata ma ddeċidiet ebda kwistjoni ta' liġi. Hi biss irriteniet illi fil-każ preżenti t-tidwir tal-liċenza fuq isem it-tfal ma sarx biex b'xi mod l-appellat iċedi jew jittrasferixxi lilhom id-drittijiet tal-inkwilinat fuq il-fond, imma sempliċement biex "jidher" quddiem l-awtoritajiet illi huma kellhom dak in-negozju. Ċertament it-tidwir tal-liċenza f'isem bin l-appellat Joseph (dan biss hu msemmi fit-talba tal-appellanti, u Louis u s-

soċjetà għalhekk ma jidħlu xejn) bħala fatt sar; iżda, kif irritjena l-Bord, dan il-fatt kien simulat; fis-sens illi, waqt li kien intiż biex joħloq quddiem l-awtoritajiet l-apparenza illi n-negozju kien ta' dan Joseph, il-verità kienet u baqgħet illi n-negozju u l-inkwilinat baqgħu nterament tal-appellat. Bħala konklużjoni ta' fatt, din mhix sindakabbli minn din il-Qorti;

Imma anki jekk wieħed jirravviża fis-sentenza appellata nvoluta kwistjoni legali, dik ċjoè jekk it-tidwir ta' liċenza — ġa ladarba fil-fatt isir, hi x'inhi r-raġuni — jimportax neċessarjament ċessjoni tal-inkwilinat, l-appell l-istess hu nfondat. Dan jidher manifest mill-istess sentenzi nvokati mill-appellanti. Il-propożizzjoni li azjenda kummerċjali tikkomprendi wkoll il-liċenza meħtieġa għall-eżerċizzju tal-kummerċ tagħha, u li kwindi, meta jsir trasferiment tal-azjenda, jekk ma jkunx hemm xejn kuntrarju, dan jimporta wkoll trasferiment tal-liċenza, jista' jkun veru. Imma l-propożizzjoni "inversa" ma għandha ebda bażi ta' preżunzjoni. Kif qalet is-sentenza "Sapienza vs. Pace" (Vol. XXIV-I-1127), l-intestazzjoni ta' liċenza f'isem persuna determinata sservi biex tiddetermina l-obligu ta' dik il-persuna quddiem l-awtorità kompetenti li tosserva r-regoli tal-liġi, iżda ma tbiddelx ir-rapporti patrimonjali jew kontrattwali li jkunu jeżistu bejn il-privati. L-istess ħaġa ġiet affermata fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif issa presjeduta, fil-kawża "Agius vs. Agius" — 17. 2. 1958 — fejn jingħad:— "Meta jkun hemm il-provi tal-ispettanza eskluživa ta' negozju lil persuna partikulari . . . l-intestazzjoni tal-liċenza ma tistgħax tinnewtralizza dawk il-provi, u għandha tiġi meqjusa biss, kif ġie kemm il-darba deċiż, mill-aspett tal-individwalizzazzjoni tal-persuna responsabbli għall-ħlas tagħha u għall-adempiment tal-liġijiet u tar-regolamenti tal-Pulizija";

Fil-każ preżenti, il-Bord irritjena bħala fatt illi skond il-provi, non ostante t-tidwir tal-liċenza f'isem it-tifel Joseph, l-inkwilinat u negozju baqgħu, kif kienu qabel, eskluživament tal-appellat, u ebda drittijiet dwarhom ma kienu ntiżi li jiġu ċeduti jew trasferiti, u ma ġewx fil-fatt ċeduti jew trasferiti, lill-istess Joseph;

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.